**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 26 ta' Mejju, 2021

Rikors Numru: 260/20 AL

**A B**

Vs

**Dr. Yanika Bugeja u l-Prokuratur Legali Gilian Muscat** maħtura b'digriet tas-7 ta' Jannar 2021 bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti **C D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi hija żżewġet lill-intimat C B fi New York, fl-Istati Uniti tal-Amerika nhar il-għaxar (10) jum tax-xahar ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003), u dan skont ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat Dokument 'A';

2. Illi wara d-debita' awtorizazzjoni mogħtija minn din l-Qorti nhar is-27 ta' Mejju tas-sena elfejn u għaxra (2010), il-partijiet ikkonkludew is-separazzjoni personali tagħhom permezz ta' kuntratt tas-separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Timothy Ellis tas-sebgħa (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u għaxra (2010), kopja ta' liema kuntratt qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument 'B';

3. Illi mill-istess żwieġ il-partijiet kellhom żewġt'itfal u ċioe E F B li llum għandu sbatax (17) -il sena u G H B li llum għandha sittax (16)-il sena;

4. Illi minkejja illi ai termini tal-kuntratt surriferit l-intimat David Andrew Henderson obbliga ruħu li jivversa l-manteniment hemm stabbilit għall-ħtiġijiet ta' uliedu, u minkejja li obbliga ruġu ulterjorment sabiex jikkontribwixxi f'sehem indaqs flimkien mar-rikorrenti martu għall-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, l-intimat naqas milli dan;

5. Illi dan inoltre, u minekjja li l-intimat kellu dritt ta' aċċess għall-uliedu minuri ai termini tal-istess kuntratt, huwa qatt ma eżerċita jew talab li jeżerċita dan id-dritt, tant illi sa' fejn taf hi, l-intimat, f'xi żmien, ħalla Malta;

6. Illi dan il-fatt kienu lkoll ġew kkonfermati bil-ġurament f'affidavit li kien ġie mħejji mir-rikorrenti nhar l-4 ta' Diċembru 2014, kopja ta' liema qegħda tiġi annessa bħala Dok. D;

7. Illi fid-data li fih qiegħed jiġi intavolat dan ir-rikors ikunu għaddew iktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali li seħħet bejn il-partijiet, u dan filwaqt li l-esponenti tiddikjara li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni tagħhom;

8. Illi di piu, u għal finijiet tal-Artikolu 66N tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti tiddikjara illi hija domiċiljata u residenti f' Malta u ilha hekk domiċiljata u residenti sa' mis-sena 2003;

9. Illi għalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-liġi għal-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara maħlul iż-żwieġ tagħha ma' David Andrew Henderson u li l-partijiet huma divorzjati għall-effetti kollha tal-Liġi.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li permezz taghha esponew:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti;
2. Illi l-esponenti, għalkemm l-attriċi ddikjarat li hija m'għandhiex kuntatt mal-assenti, jitolbu lill-istess sabiex tipprovdi l-aħħar numru tat-telefon ċellulari, l-aħħar indirizz elettroniku u kull informazzjoni oħra li jista' jkollha sabiex il-kuraturi jkunu jistghu jagħmlu tentattivi ta' komunikazzjoni, dan jinkludi wkoll indirizzita' familjari tal-assenti;
3. Illi l-esponenti qieghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw eċċezzjonijiet ulterjuri jekk kemm-il darba huma jirnexxielhom jagħmlu kuntatt mal-assenti.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Jannar, 2021;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati tal-24 ta' Marzu, 2021;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Mejju, 2021;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex zwieg jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta' Lulju, 2010;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.